MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Numru 351/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Dennis Theuma**
v

**CHRISTOPHER SAMMUT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CHRISTOPHER SAMMUT** ta' tlieta w tletin sena, bin Emanuel u Josephine nee Ellul, imwieled Catania fi Sqallija nhar l-erbatax ta’ Jannar 1972 u residenti ‘Samvel’, Triq Annibale Preca, Hal Lija, detentur tal-karta tal-identita` numru 538772M gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-tnax ta’ Ottubru 2005, u fix-xhur ta’ qabel:

a. kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba u tas-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu personali tieghu;

b. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba u tas-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati;

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat tmintax ta’ Ottubru 2005 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit fl-atti sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur ta’ provvedimenti tal-istess ordinanza.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-fedina penali tal-istess imputat esibita fl-atti odjerni u l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata nhar t-tlettax ta' Ottubru 2005.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Ottubru 2005 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-wiehed w ghoxrin ta' Ottubru 2005.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Dernnis Theuma jiddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mieghu sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni, kif sahansitra jirrizulta minn ezami tal-istqarrija esibita fl-atti, u huwa sodisfatt bl-informazzjoni moghtija lilu mill-istess imputat, liema nformazzjoni tista twassal ghal min qed jittraffika fid-droga, u ghalhekk ihoss li l-imputat ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta'Malta.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema t'abbuz ta' droga u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi l-Qorti ezaminat l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tlettax ta' Ottubru 2005, u minnha jirrizulta li l-imputat kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni fis-sens li ammetta il-pussess tad-droga u t-tehid taghha.

Illi ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti thoss in vista tal-fatt illi l-imputat jibbenefika minn riduzzjoni ta' piena kif kontemplat fl-artikolu 29 tal-Kap 101, hija m'ghandiex tkun severa wisq mieghu fl-ghoti tal-piena stante wkoll l-ammissjoni bikrija tieghu fil-bidu ta' dan il-procediment u tenendo kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe li bl-ghajnuna tieghu ser jinqabad l-veru traffikant tad-droga.

Illi ghalhekk **l-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 8(a)(b)(d) u 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lill-imputat CHRISTOPHER SAMMUT hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li, f'dawn ic-cirkostanzi, tpoggi lil istess Christopher Sammut taht ordni ta' Ufficjal tal-Probation ghal perjodu massimu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li jzomm boghod mill-hajja kriminali u bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u dan taht l-kundizzjonijiet segwenti:**

**1. Li l-imputat probationer Christopher Sammut ghandu, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin, igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputat probationer Christopher Sammut ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-istess Probation Officer jkun jrid**

**hekk, jircievi zjarat min ghandu fid-dar fejn qed jirrisjedi;**

**3. Illi l-imputat probationer Christopher Sammut ghandu jghix fir-residenza tieghu tul l-perjodu kollu ta' tlett snin u jkun jista jbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputat probationer Christopher Sammut ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer.**

**Il-Qorti tordna li din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttrur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Oltre dan tikkundanna lil imputat Christopher Sammut ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm 500), liema multa ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira, b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-wiehed u ghoxrin ta' Novembru 2005.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------